MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2014

Rikors Numru. 525/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi fid-29 ta' Settembru 1979 l-esponent izzewweg lill-intimata CB (vide certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok 'A') u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel wiehed – E – illi llum huwa maggorenni;
2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u effettwaw separazzjoni legali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali in atti Nutar Dottor Robert Micallef datat 27 ta' Awissu, 2009 (Dok B);

3. Illi assolutament m'hemm ebda pendenzi jew kwistjonjiet bejn il-partijiet ta' kwalsijasi natura;
4. Illi l-esponent iddiskuta mal-avukat tieghu Dr Chris Cilia LL.D. il-possibilita ta' rikonciljazzjoni u inghata minghand l-istess avukat l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta' rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin (vide dikjarazzjoni hawn annessa bhala Dok 'C') u kkonkluda li m'hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni;
5. Illi issa ghaddew oltre 4 snin mid-data tas-separazzjoni u m'hemm assolutament ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
6. Illi jikkonkorru l-kriterji kollha stabbiliti skond il-ligi ghall-hall taz-zwieg u d-divorzju tal-partijiet;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara illi z-zwieg tieghu mal-intimata Mary Cachia hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi annotat u registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Ottubru, 2013;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta' Awissu 2009 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrentiipprova wkoll illi ma hemm l-ebda pendenza jew kwistjoni dwar manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------